**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 23 ta' April, 2002

**Numru 3**

**Avviz. numru 1353/01JR**

**Rimus Trading Agency Limited**

**vs**

**Matthew Pace**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ipprezentat mill-atturi fil-31 ta' Ottubru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm825.70), prezz ta' prodotti ta' l-ikel mibjugha lill-konvenut li baqa' mhux imhallas;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid ipprezentat kontestwalment u ta' l-ittra bonarja datata 7 t'Awissu, 2001, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;**

**Il-konvenut ghandu jhallas ukoll l-imghax kummercjali komputat mit-22 ta' Dicembru, 2000, li hija d-data tal-konsenja.**

**Ra li fis-seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2002, deher id-difensur tal-konvenut u gharraf lit-Tribunal li kien sar pagament ta' erba' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm425.00), u li l-bilanc kien qed jigi kontestat.**

**Ra r-risposta tal-konvenut Paul Muscat prezentata fid-29 ta' Jannar, 2002 fejn intqal:**

i. **illi preliminarjament il-konvenut jirrileva li huwa diga' hallas l-ammont kumplessiv ta' erba' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm425.00) u konsegwentement hemm lok illi ssir d-debita nota ta' riduzzjoni;**

ii. **Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba tas-socjeta` attrici ghall-hlas tal-bilanc ta' mija u tlieta u sittin lira Maltija (Lm163.00) hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici stante illi, kif**

gja' nghad, fil-mori ta' dawn il-proceduri il-konvenut hallas is-somma ta' erba' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm425.00), rapprezentanti l-ammont kollu minnu dovut in kwantu l-prezz tal-merkanzija mertu tal-kawza de quo, kif jista' jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra n-nota ta' riduzzjoni prezentata mis-socjeta` attrici fit-28 ta' Frar, 2002, li permezz taghha t-talba attrici giet ridotta ghall-tlett mija u seba' liri Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm307.59).

Ra l-affidavit ta' Kynan Muscat Scerri, direttur tas-socjeta` attrici. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Dan il-kaz jirrigwarda talba ghall-hlas ghall-merkanzija moghtija lill-konvenut li jiggestixxi "canteens".

2. Mill-provi mismugha jirrizulta li kien hemm is-segwenti invoices li fuqhom qed jintalab il-hlas:

    i. Invoice nru. 1256328 datat 9 ta' Jannar, 2001….Lm48.68;
    ii. Invoice nru. 1258440 datat 7 ta' Frar, 2001…….Lm115.46;
    iii. Invoice nru. 1259012 datat 14 ta' Frar, 2001…….Lm55.13;
    iv. Invoice nru. 1261154 datat 9 ta' Marzu, 2001……Lm91.96;

**v. Invoice nru. 1261853 datat 20 ta' Marzu, 2001…..Lm50.34;**

**vi. Invoice nru. 1263188 datat 3 ta' April, 2001….….Lm71.08;**

**vii. Invoice nru. 1264908 datat 27 ta' April, 2001…….Lm48.58;**

**viii. Invoice nru. 1264909 datat 27 ta' April, 2001..….Lm208.16;**

**ix. Invoice nru. 1265791 datat 10 ta' Mejju, 2001..…..Lm43.20.**

**Dawn b'kollox igibu l-ammont ta' seba' mija tnejn u tletin lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm732.59) li kif jghid fl-affidavit tieghu Kynan Muscat Scerri, kien l-ammont dovut qabel ma sar hlas ta' erba' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm425.00), li thallsu fil-mori tal-kawza. Ghalhekk jirrizulta li l-ammont ta' tlett mija u seba' liri Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm307.59) huma fil-fatt dovuti mill-konvenut lis-socjeta` attrici.**

**Dwar l-imghaxijiet fuq il-bilanc dovut it-Tribunal innota li ma jirrizultax li l-konsenja saret fit-22 ta' Dicembru, 2000. Fil-fatt l-ahhar invoice hareg fl-10 ta' Mejju, 2001, u ghalhekk l-imghax fic-cirkostanzi ghandu jibda jiddekorri minn dak in-nhar.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba kif ridotta tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba kif ridotta u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u seba' liri Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm307.59) bl-imghax kummercjali dekorribbli mill-10 ta' Mejju, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**